



28.9.2012

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 0330/2012, imressqa minn Ulrich Neef, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar ir-riċezzjoni b'xejn tat-televiżjoni u tal-Internet**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jitlob li jiġi implimentat obbligu li jimponi fuq il-manifatturi tal-apparat kollha r-rekwiżit li jintegraw f'dan l-apparat riċevitur DVB-T2 (Digital Video Broadcasting - Second Generation Terrestrial). Barra minn dan, huwa jisħaq biex jiġi pprojbit l-apparat iprogrammat minn qabel mill-manifattur għar-riċezzjoni ta' programmi minn xandara speċifiċi biss, imsejħa riċevituri ċertifikati jew dekodifikaturi. Barra minn hekk, huwa jqis li l-apparat tad-ditta Apple (iPhone, iPad, eċċ.) għandu jiġi liberalizzati totalment biex jippermetti l-aċċess għall-Internet kollu, anke għax-xiri ta' softwer minn operaturi oħra u mhux esklussivament fuq l-iTunes.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-4 ta' Lulju 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

L-istandard DVB-T2 huwa teknoloġija b'saħħitha ġdida li tista' tintuża għat-TV terrestri u għat-trażmissjoni bir-radju. Fl-Ewropa, id-DVB-T2 qed jintuża attwalment fl-operazzjonijiet kummerċjali fir-Renju Unit, fl-Isvezja, fil-Finlandja u fl-Italja. Għalhekk attwalment jidher li jkun sproporzjonat li dan l-istandard isir obbligatorju fil-livell tal-UE għall-inklużjoni f'firxa wiesgħa ta' apparat tal-komunikazzjoni elettronika kif qed tissuġġerixxi l-petizzjoni. Barra minn dan, jeżistu kunsiderazzjonijiet pereżempju fir-rapport tal-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet għall-House of Lords fir-Renju Unit li jitolbu għat-tieni kambjament għat-televiżjoni bl-Internet. Skont ir-rapport, il-gvern għandu jiżviluppa pjan biex ixandar is-

servizzi tal-programmi televiżivi kollha mill-Internet sabiex il-frekwenzi li qed jintużaw attwalment mill-pjattaforma tad-DTT ikunu jistgħu jiġu allokatu għal applikazzjonijiet oħra bħas-servizzi tat-telekomunikazzjoni bil-mowbajl. B'din il-perspettiva ikun hemm xi dubji wkoll jekk l-inklużjoni obbligatorja tad-DVB-T2 tkunx b'saħħitha kompletament għall-ġejjieni fuq skala pan-Ewropea.

Fir-rigward tas-servizzi tat-TV diġitali fornuti fl-UE għandu jiġi enfasizzat li b'mod ġenerali l-operaturi għandhom libertà konsiderevoli biex jiddisinjaw is-servizzi u biex jagħżlu l-arranġamenti kuntrattwali li jixirqu lill-mudell tan-negozju tagħhom, inkluż iċ-ċertifikazzjoni, il-kiri u l-bejgħ tal-apparat. L-Anness VI(1.) tad-Direttiva Servizz Universali 2002/22/KE kif emendata bid-Direttiva dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini 2009/136/KE jipprovdi li "it-tagħmir kollu tal-konsumatur maħsub għar-riċeviment ta' sinjali diġitali tat-televiżjoni konvenzjonali (jiġifieri xandir permezz ta' trażmissjoni terrestri, bil-cable jew bis-satellita) li huwa intiż primarjament għar-riċeviment fiss, bħall-DVB-T, DVB-C jew DVB-S għall-bejgħ jew kera jew xort'oħra magħmula disponibbli fil-Komunità, kapaċi li jħollu s-sinjali diġitali tat-televiżjoni, għandu jkollu l-kapaċità li [...] juri sinjali li jkunu ġew trażmessi [...]".

Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-apparat li huwa maħsub għar-riċezzjoni tal-IPTV jew tas-servizzi tat-TV fornuti permezz tal-Internet miftuħ. Jekk l-utenti ma jkunux sodisfatti bl-offerta tal-fornituri tal-IPTV bħal Deutsche Telekom huma għandhom għażliet oħra disponibbli biex jirċievu s-servizzi tat-TV. Fl-istadju attwali jidher li l-projbizzjoni tal-apparat ċertifikat għar-riċezzjoni tat-TV tista' twassal għar-riskju li l-konsumaturi jiġu esklużi milli jibbenefikaw mill-offerti tal-apparat u s-servizz integrati li jistgħu jkunu ferm innovattivi, jistgħu jipprovdu kwalità għolja ta' servizz u trattament faċli u intuwittiv. Fir-rigward tar-riċezzjoni tas-servizzi tat-TV permezz tal-Internet miftuħ il-konsumaturi għandhom għażla wiesgħa ta' apparat u servizzi disponibbli u jkollhom għażliet oħra disponibbli jekk ma jkunux sodisfatti b'ċertu apparat jew servizz ipprovdut fis-suq. L-Istituzzjonijiet Ewropej se jkomplu jsegwu mill-qrib dawn l-iżviluppi fis-suq, anke fir-rigward tal-aspetti tagħhom tal-politika dwar il-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea reċentement nidiet konsultazzjoni pubblika dwar l-aspetti speċifiċi tat-trasparenza, l-immaniġġjar tat-traffiku u l-kambjament fl-Internet Miftuħ. Sabiex il-konsumaturi jkunu permessi jkollhom aċċess għall-offerti tas-servizz tal-Internet li verament jissodisfa l-bżonnijiet tagħhom u biex ikunu jistgħu b'mod effettiv jeżerċitaw l-għażliet tagħhom, il-Kummissjoni qed tipprevedi miżuri ta' politika li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.